

Brussell, 1 ta' Ġunju 2015
(OR. en)

9073/15

ENER 185
CLIMA 56

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija: nagħtu setgħa lill-konsumaturi u nattiraw investimenti fis-settur tal-enerġija - Adozzjoni

Wara l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fid-19 u l-20 ta' Marzu 2015 li nnotaw li l-UE tintrabat li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika tal-klima li tħares 'il quddiem, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 bl-isem "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem", id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness abbozz ta' sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmijin hawn fuq, li saħqu fuq l-importanza tad-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Presidenza żammet in-natura mifruxa tal-Qafas strateġiku. Fl-istess waqt, il-Presidenza pproponiet li l-abbozz ta' konklużjonijiet jikkonċentra fuq żewġ suġġetti ta' natura orizzontali, jiġifieri l-konsumaturi u l-investimenti, li jirriflettu l-għan ewlieni ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet issuġġeriti mill-Qafas Strateġiku, jiġifieri li lill-konsumaturi tal-UE - unitajiet domestiċi u negozji - tingħatalhom enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezz li jintlaħaq. L-abbozz ta' konklużjonijiet għaldaqstant għandhom il-ksieb li juru kif dawn iż-żewġ aspetti għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija.

L-abbozz ta' konklużjonijiet jibni fuq id-deskrizzjoni fil-qosor tal-elementi possibbli ċirkolata fl-20 ta' Marzu 2015 (dok. 7343/15) u l-eżami intensiv mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija f'diversi okkażjonijiet. Barra minn hekk, id-diskussjoni fil-Konferenza dwar l-Unjoni tal-Enerġija f'Riga fis-6 ta' Frar 2015 kif ukoll l-iskambju ta' fehmiet mill-Ministri dwar il-qafas strateġiku propost mill-Kummissjoni għal Unjoni tal-Enerġija, li sar fil-Kunsill TTE (Enerġija) fil-5 ta' Marzu 2015, ukoll tqiesu fl-iżvilupp u l-eżami tal-abbozz ta' konklużjonijiet.

Id-diskussjoni fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma kixfet fehmiet u prioritajiet differenti fost l-Istati Membri dwar diversi aspetti tal-abbozz ta' konklużjonijiet. Għaldaqstant, il-Presidenza għamlet sforz kbir biex tikseb bilanċ tajjeb fit-test anness filwaqt li takkomoda t-tħassib varju mqajjem mid-delegazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Presidenza ħadmet biex iżżomm l-abbozz ta' konklużjonijiet iffokat fuq is-suġġetti mħabbra tal-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi u l-attrazzjoni ta' investimenti fis-settur tal-enerġija u biex iżżomm bilanċ ġust tal-kwistjonijiet marbutin kollha fit-test. Għalhekk, it-test jikkostitwixxi kompromess ibbilanċjat sew li jista' jiġi appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha.

Fil-laqgħa tal-Coreper tas-27/29 ta' Mejju, id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom mat-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet.

Il-Kunsill TTE (Enerġija) huwa mistieden, fil-laqgħa tiegħu fit-8 ta' Ġunju 2015, jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija:

nagħtu setgħa lill-konsumaturi u nattiraw investimenti fis-settur tal-enerġija

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fid-19 u l-20 ta' Marzu 2015, speċjalment fir-rigward tat-taqsima I (Enerġija tal-Unjoni), li tinnotta li l-UE tintrabat li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika tal-klima li tħares 'il quddiem fuq il-bażi tal-qafas strateġiku tal-Kummissjoni, li l-ħames dimensjonijiet tiegħu huma marbutin mill-qrib u jagħtu saħħa lil xulxin,
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, speċjalment fir-rigward tat-Taqsima I (Qafas ta' politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030) inklużi n-natura u l-ambitu miftehma tal-miri għall-2030 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, interkonnessjonijiet elettriċi, l-importanza fundamentali ta' suq intern tal-enerġija konness li jaħdem b'mod sħiħ u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE u tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tagħha kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass,
- fil-konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Progress lejn it-tlestija tas-Suq Intern tal-Enerġija", adottati mill-Kunsill TTE (Enerġija) fid-9 ta' Diċembru 2014,
- fil-konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa", adottati mill-Kunsill TTE (Enerġija) fit-13 ta' Ġunju 2014,
- fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 bl-isem "Qafas strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika dwar il-bidla fil-klima li tħares 'il quddiem" u "Il-ksib tal-mira ta' 10% għall-interkonnessjoni elettrika - inlestu l-grilja elettrika tal-Ewropa għall-2020",

- fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2014 bl-isem "Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija", u tat-22 ta' Jannar 2014, bl-isem "Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa".

FILWAQT LI JAGĦRAF li l-mira tal-bini ta' Unjoni tal-Enerġija b'politika tal-klima li tħares 'il quddiem hija li tipprovdi lill-**konsumaturi** – unitajiet domestiċi u negozji – enerġija bi prezzijiet li jintlaħqu, li ma toħloqx perikli, kompetittiva, sikura u sostenibbli u li tnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE u żżid is-sigurtà tal-enerġija tagħha. Din il-mira għandha tkun konformi mal-għanijiet fit-tul tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija u l-klima u tappoġġa l-attività u t-tkabbir ekonomiċi.

FILWAQT LI JAGĦRAF l-importanza tal-**investiment fil-klima** u l-**aċċess għall-finanzjament** fil-qasam tal-enerġija għall-implimentazzjoni tal-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija.

FILWAQT LI JAGĦRAF il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, li hemm rabta mill-qrib bejniethom: is-sigurtà, is-solidarjetà u l-fiduċja fl-enerġija; suq tal-enerġija Ewropew integrat b'mod sħiħ; effiċjenza fl-enerġija li tikkontribwixxi għall-moderazzjoni tad-domanda; id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija; u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività, u l-ħtieġa li jiġu pprovduti strateġija koerenti u approċċ ibbilanċjat tal-ħames dimensjonijiet.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-ħtieġa, sabiex tiġi żgurata l-**implimentazzjoni** tal-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 miftiehem, li tiġi żviluppata sistema ta' governanza li wieħed jista' joqgħod fuqha u trasparenti mingħajr ebda piż amministrattiv mhux meħtieġ biex tgħin biex jiġi żgurat li l-UE tilħaq il-miri tal-politika tal-enerġija tagħha, bil-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri u filwaqt li tħares b'mod sħiħ il-libertà tagħhom li jiddeċiedu t-taħlita ta' enerġija tagħhom kif indikat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.

FILWAQT LI JAGĦRAF li s-sistema ta' governanza ser tiġi żviluppata fuq il-bażi ta' elementi kostitwenti u ser tissimplifika u tgħaqqad ferġat separati ta' ppjanar u rappurtar. Ser issaħħaħ ir-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-investituri fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku ta' indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezzijiet li jintlaħqu, mingħajr perikli, kompetittiva, sikura u sostenibbli, u ser tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' politiki nazzjonali ta' enerġija u trawwem kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri. FILWAQT LI JAGĦRAF ir-rwol importanti tal-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u bħala parti essenzjali mis-sistema ta' governanza.

A. IMPLIMENTAZZJONI ORJENTATA LEJN IL-KONSUMATUR TAL-UNJONI TAL-ENERĠIJA

Sabiex tiġi promossa implimentazzjoni orjentata lejn il-konsumatur tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kunsill:

1. ITENNI l-importanza ta' suq intern tal-enerġija flessibbli u dinamiku li jiżgura prezzijiet tal-enerġija stabbli, kompetittivi u li jintlaħqu għall-konsumaturi filwaqt li JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż u li jkunu jistgħu jiġu kkontestati fis-suq intern tal-enerġija b'miżuri speċifiċi biex jiġu żgurati l-viżibilità u l-kompetittività fit-tul, partikolarment għal industrija li tuża ħafna enerġija u li hi esposta għall-kompetizzjoni internazzjonali.
2. JISĦAQ fuq l-importanza ta' provvisti tal-enerġija sikuri għall-konsumaturi. Filwaqt li JQIS il-firxa wiesgħa u l-ispejjeż u l-benefiċċji differenti tas-soluzzjonijiet disponibbli biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija u filwaqt li JIRRIKONOXXI li t-tlestija tas-suq intern tal-enerġija, aktar effiċjenza fl-enerġija, is-salvagwardja tad-dritt għall-iżvilupp u għall-użu ta' riżorsi indiġeni kif ukoll għal teknoloġiji mingħajr periklu u sostenibbli li jużaw livell baxx ta' karbonju huma tal-akbar importanza filwaqt li jitħares id-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom, ITENNI s-sinifikat tal-isforzi biex titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE u biex tiżdied is-**sigurtà tal-provvista tal-enerġija** tagħha, u tad-diversifikazzjoni tar-rotot, is-sorsi u l-fornituri tal-enerġija. JIRRIKONOXXI l-isforzi konġunti tal-Istati Membri biex ifittxu sorsi u rotot ta' diversifikazzjoni ġodda, partikolarment fl-aktar reġjuni vulnerabbli. IFAKKAR, kif miktub fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20-21 ta' Marzu 2014 li, fejn ikun rilevanti, għandhom jiġu żviluppati wkoll interkonnessjonijiet ma' pajjiżi terzi.
3. Filwaqt li JENFASIZZA l-importanza tat-twaqqif ta' **suq intern tal-enerġija** konness u li jaħdem b'mod sħiħ li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumaturi, ITENNI l-ħtieġa li tiġi implimentata u infurzata b'mod sħiħ il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, inkluż it-Tielet Pakkett tal-Enerġija; il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tnaqqis ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija, li jista' jikkontribwixxi għal prezzijiet oġhla tal-enerġija; il-ħtieġa għal sinjali xierqa tal-prezz tas-suq filwaqt li tittejjeb il-kompetizzjoni fis-swieq fil-livell tal-konsumatur; il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa lill-ispeċifitàjiet nazzjonali, u li tingħata għajnuna lill-konsumaturi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli filwaqt li titfittex il-kombinazzjoni xierqa ta' politika soċjali, dwar l-enerġija jew dwar il-konsumaturi; il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu infurmati u tingħatalhom setgħa permezz ta' possibbiltajiet biex jieħdu sehem attiv fis-suq tal-enerġija u biex jirreaġixxu għas-sinjali tal-prezzijiet sabiex jixprunaw il-kompetizzjoni, iżidu l-flessibilità fis-suq, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, u li l-konsumaturi jkunu jistgħu jikkontrollaw il-konsum tal-enerġija tagħhom u jieħdu sehem f'soluzzjonijiet kosteffettivi ta' reazzjoni għad-domanda pereżempju permezz ta' grilji intelliġenti u arloġġi intelliġenti.

4. Filwaqt li JAGĦRAF l-importanza u l-aspetti pożittivi tal-**effiċjenza fl-enerġija** fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija għall-konsumaturi, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jingħata kontribut għas-sigurtà tal-enerġija, JISĦAQ FUQ l-importanza tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha fl-implimentazzjoni ta' miżuri differenti ta' effiċjenza fl-enerġija u l-bżonn li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal tagħrif adegwat u trasparenti u inċentivi xierqa biex jiffrankaw l-enerġija. F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-bżonn ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti, kif ukoll li tkompli tiġi eżaminata u żviluppata li jgħin biex jintlaħaq il-potenzjal kosteffettiv tal-effiċjenza fl-enerġija, inklużi d-Direttivi dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija. Għal dan il-għan, JAPPOĠĠA inizjattivi għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għal strumenti ta' finanzjament u skemi ta' finanzjament immirati għall-effiċjenza fl-enerġija.
5. ITENNI l-importanza ta' provvisti tal-enerġija sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju għall-konsumaturi. Filwaqt li JIRRIKONOXXI l-importanza tal-benefiċċji u l-ispejjeż fit-tul tad-**dekarbonizzazzjoni**, l-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli li jużaw livell baxx ta' karbonju u li l-Istati Membri għandhom id-dritt li, bħala parti mill-kompetenza tagħhom fit-taħlita tal-enerġija, jużaw, jekk jixtiequ, il-firxa preferita tagħhom ta' dawn it-teknoloġiji sabiex jilħqu l-għanijiet komuni tal-UE, kif ukoll l-iżgurar tal-kompetittività industrijali u l-kontribut għat-tkabbir u l-impjiegi li t-transizzjoni għas-sistema tal-enerġija sostenibbli tista' toħloq, JAGĦRAF il-hteġa għall-integrazzjoni kosteffettiva ta' riżorsi indiġeni sikuri u sostenibbli, partikolarment sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fis-suq fost l-oħrajn permezz ta' disinn imtejjeb tas-suq u l-promozzjoni tal-iżvilupp tagħhom bl-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli li jużaw livell baxx ta' karbonju.
6. F'dan il-kuntest, filwaqt li jqis l-interess tal-konsumaturi, JISĦAQ fuq l-importanza li tiġi żviluppata strateġija ta' **riċerka u innovazzjoni (R&I)** li tħares 'il quddiem fis-settur tal-enerġija, partikolarment biex jiġi promoss aktar żvilupp ta', fost affarijiet oħra, apparat intelliġenti u grilji intelliġenti, sistemi tal-enerġija effiċjenti, ħżin tal-enerġija għall-użu għall-elettriku u l-ġenerazzjoni li jmiss ta' enerġija rinnovabbli u sorsi tal-enerġija sikuri u sostenibbli oħrajn inkluż għat-tisħin u t-tkessiħ ta' setturi tat-trasport.

B. INVESTIMENTI LI JSERVU BĦALA INĊENTIV FIS-SETTUR TAL-ENERĠIJA

Sabiex jiġu promossi l-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kunsill:

1. ITENNI l-ħtieġa li tinżamm u tittejjeb klima prevedibbli u xprunata mis-suq ta' investiment madwar l-Unjoni Ewropea kollha, imsejsa fuq qafas legali Ewropew trasparenti u fuq politika li tħares 'il quddiem, koerenti u kosteffettiva dwar il-klima u l-enerġija.

ITENNI l-ħtieġa għal suq tal-karbonju li jaħdem sew sabiex jinholq qafas ta' investiment fit-tul u prevedibbli.

JAGĦRAF il-potenzjal ta' kooperazzjoni reġjonali akbar, partikolarment f'termini ta' tfaddil mill-investiment u sinerġiji possibbli fl-oqsma differenti tal-investimenti fis-settur tal-enerġija u l-ħtieġa li jiġu evalwati b'mod adegwat il-benefiċċji fuq perijodu qasir u twil tagħhom.

ITENNI li hemm bżonn li jinkisbu investimenti kbar fl-infrastruttura tal-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija u l-ġenerazzjoni innovattiva, sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju fis-suq. Għal dak il-għan, il-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tar-regoli interni eżistenti tas-suq u l-eżistenza ta' sinjali xierqa ta' investiment u l-aċċess għall-finanzjament huma l-kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġ li jiġu żgurati.

F'dan ir-rigward, JAPPOĠĠA l-użu sħiħ tas-sorsi kollha possibbli ta' finanzjament inklużi l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-UE, partikolarment dawk li jservu ta' inċentiv għall-kooperazzjoni reġjonali, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament ta' proġetti, speċjalment għal Proġetti ta' Interess Komuni (PCI) li jkunu ta' natura mhux kummerċjali, u żviluppi fis-settur tal-enerġija filwaqt li jiġu evitati d-distorsjoni u l-frammentazzjoni.

ITENNI l-importanza li jinħolqu kundizzjonijiet indaqs bejn il-partiċipanti fis-suq, fost l-oħrajn bil-għan li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' sikurezza u ambjentali.

2. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal aktar azzjonijiet li jnaqqsu d-dipendenza enerġetika tal-UE u jżidu **s-sigurtà tal-enerġija** tagħha kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass. Għal dan il-għan ITENNI l-ħtieġa li jitħaffu l-proġetti tal-infrastruttura, inklużi l-interkonnessjonijiet b'mod partikolari ma' reġjuni periferiċi kif imsemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2015 u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, ITENNI l-ħtieġa li jiġu implimentati Proġetti ta' Interess Komuni kruċjali fis-settur tal-gass, bħall-kuritur bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u l-promozzjoni ta' hub tal-gass ġdida fin-Nofsinhar tal-Ewropa kif ukoll il-proġetti ta' infrastruttura ewlenin li ser isaħħu is-sigurtà tal-enerġija tal-Finlandja u l-Istati Baltiċi, biex tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tal-fornituri u r-rotot tal-enerġija u jiġi żgurat li s-suq jaħdem.
3. ITENNI li jridu jiġu mobilizzati l-isforzi kollha biex jintlaħaq l-għan ta' **suq intern tal-enerġija** li jaħdem sew u konness bħala kwistjoni ta' urġenza:
- Filwaqt li JTENNI l-ħtieġa li jiġu pprevenuti interkonnessjonijiet mhux adegwati tal-Istati Membri man-networks Ewropej tal-gass u l-elettriku, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tinkiseb mira minima ta' 10% tal-interkonnessjonijiet eżistenti tal-elettriku, bħala kwistjoni ta' urġenza, u mhux iktar tard mill-2020 tal-inqas għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux livell minimu ta' integrazzjoni fis-suq intern tal-enerġija, li huma l-Istati Baltiċi, il-Portugall u Spanja, u għall-Istati Membri li jikkostitwixxu l-punt ta' aċċess ewlieni tagħhom għas-suq intern tal-enerġija, u JTENNI l-ħtieġa li tiġi żgurata l-integrazzjoni tan-network tal-elettriku tal-Istati Baltiċi fin-Netzwerk Ewropew Kontinentali. ITENNI li jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-partijiet tas-suq uniku l-aktar remoti u/jew konnessi anqas tajjeb bħal Malta, Ċipru u l-Greċja.
 - JIRRIKONOXXI l-importanza ta' titjib fis-suq tal-enerġija biex jitkompla l-proċess tal-iżvilupp ta' swieq miftuħa u kompetittivi, filwaqt li jiġu eliminati distorsjonijiet eżistenti fis-suq u jiġu evitati dawk ġodda, li ser jagħti inċentiv għal investimenti, jiżgura l-prevedibilità fis-swieq tal-enerġija u viżibilità fit-tul għall-investituri u jiżgura wkoll il-flessibilità tas-swieq fil-provvista u d-domanda tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-enerġija rinnovabbli u sorsi tal-enerġija indiġeni oħrajn kif ukoll konsum tal-enerġija aktar effiċjenti. JIRRIKONOXXI li għandha tingħata attenzjoni lis-suq tal-elettriku fil-livell tal-operaturi, li jista' jkun li ma jagħtix biżżejjed sinjali tal-prezzijiet biex jiġġenera l-investimenti meħtieġa u biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista u f'dan il-kuntest IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill TTE (Enerġija) adottati fis-7 ta' Ġunju 2013.

4. JAPPELLA għal appoġġ finanzjarju u politiku b'perspettiva ċara fuq perijodu twil biex jiġu ffaċilitati u promossi investimenti privati fit-titjib tal-**effiċjenza fl-enerġija** u l-iffrankar tal-enerġija, partikolarment fis-setturi għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, is-setturi tal-bini, tat-trasport, tal-prodotti u tal-apparat u JĦEĠĠEĠ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għall-allokazzjoni tar-riskju u tal-ispejjeż f'kuntratti ta' servizzi tal-enerġija li jistgħu jwasslu għal investimenti fis-settur tal-unitajiet domestiċi, tal-SMEs u dak pubbliku.
5. Filwaqt li JINŻAMM ir-rwol tal-Ewropa fuq quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknoloġija u l-innovazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żgurat qafas stabbli fis-settur tal-**enerġija rinnovabbli** skont ir-regoli tal-UE, inklużi l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Enerġija u l-Ambjent, sabiex jiġu ffaċilitati l-kundizzjonijiet għal investiment fit-tul u biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-swieq, filwaqt li jiġi żgurat it-tħaddim sikur u affidabbli tan-networks tal-elettriku.
6. IĦEĠĠEĠ inizzjattivi biex l-UE tiġi stimulata tkun fuq quddiem fit-**teknoloġija u l-innovazzjoni** għall-enerġija u l-klima filwaqt li tippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi, tipprovdi strumenti adegwati biex iżżid l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, iġġib teknoloġiji ġodda fis-suq fl-UE u tespandi l-opportunitajiet tal-esportazzjoni – inkluż pereżempju l-ġenerazzjoni li jmiss ta' sorsi rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija għall-elettriku u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju, filwaqt li jittejbu l-effiċjenza fl-enerġija u teknoloġiji sostenibbli li jużaw livell baxx ta' karbonju għall-industrija u t-trasport sostenibbli.

C. IL-PASSI LI JMISS

Sabiex inkomplu nibnu Unjoni tal-Enerġija fuq il-bażi tal-qafas strateġiku tal-Kummissjoni, il-Kunsill:

1. JAPPOĠĠA l-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjonijiet stipulati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2015 u JAPPELLA għall-implimentazzjoni rapida tagħhom.
2. IFAKKAR li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-bini ta' Unjoni tal-Enerġija u li l-Kunsill għandu jirrapporta lill-Kunsill Ewropew qabel Diċembru 2015.

3. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr inizjattivi fuq is-sistema ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2015 u t-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, inklużi linji gwida dwar il-kooperazzjoni reġjonali li għandhom jiġu żviluppati malajr u appoġġati mill-Kunsill TTE (Enerġija) u rrapportati lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2015 bħala l-ewwel pass fl-iżvilupp ta' sistema ta' governanza f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu u t-23 u l-24 ta' Ottubru 2014.
 4. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tgħin biex tiġi żgurata trasparenza akbar fil-kompożizzjoni tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija permezz ta' monitoraġġ xieraq, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ.
 5. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora l-ambitu tal-istrumenti ta' finanzjament u s-sistemi ta' investiment fl-enerġija eżistenti kollha li jiġbru riżorsi biex jiffinanzjaw investimenti ekonomikament vijabbli, filwaqt li tiġi evitata d-distorsjoni u l-frammentazzjoni tas-suq.
-